Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 418/2008AE

**Mercury Investments Limited**

**Vs**

**Margaret Falzon**

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru 2015.

L-attrici harrket lill-konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' €7,863.96 bilanc ta' prezz ghal xoghol ta' appalt u spejjez ohra li saru fuq inkarigu tal-konvenuta fir-rigward ta' appartamenti numru 5 u 7, Blokk C, u l-appartament numru 3 Blokk D u garaxxijiet 27, 28, 33 u 35 fil-kumpless Ambjent Complex, Telghet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar.

Il-konvenuta wiegbet:-

1. Il-parti l-kbira tas-somma allegata thallset u wkoll minhabba li l-ammont pretiz m'huwiex dovut;
2. Il-konvenuta ghandha tiehu flus minghand l-attrici peress li kellha thallasha ghal xogholijiet li ghamlet il-konvenuta.

Permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Gunju 2012:-

1. Cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;
2. Cahdet it-talba tal-attrici;

L-attrici appellat minn dik il-parti tas-sentenza li titratta l-meritu. Bazikament stiednet lill-qorti biex taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi. Fl-aggravju ssemmi sensiela ta' cirkostanzi li kellhom iwasslu lill-qorti biex tiddeciedi mod iehor. Min-naha taghha l-appellata wiegbet fejn iddikjarat li s-sentenza tal-ewwel qorti ghandha tigi kkonfermata.

Il-qorti rat l-atti li jinkludu traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013.

Meta xehedet fl-1 ta' Lulju 2009 l-appellata qalet li fl-4 ta' Novembru 2004 kienet hallset is-somma ta' Lm5,000. Kompliet:-

*"Nghid li l-hamest elef lira Maltin li hemm riferenza ghalihom f'dan id-dokument huma l-istess flus li qed jitlobni f'dan ir-rikors.*

*Nghid li llum il-gurnata jien m'ghandi naghtih xejn lil Mercury Investments Limited u fil-fatt dik is-socjeta ghandha taghti lili"* (fol. 12).

Id-dokument li ghamlet riferenza ghalih ipprezentatu waqt li kienet qeghda tixhed, u fih jinghad:-

*"**also received Lm5000 (five thousand) cash 4/11/04**"* u hdejha hemm il-firma ta' Ferdinand Grech, direttur tal-kumpannija appellanti (fol. 14).

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Fir-rendikont li pprezentat l-appellanti mar-rikors promotur, hemm spjegat kif waslet ghall-hlas li qeghda tippretendi b'din il-kawza (fol. 2). Hemm inkluz is-somma ta' €11,646.87(Lm5,000) bhala *"Pagament ta' darba li kellu jithallas skond il-kuntratt ta' appalt datat 03/11/2004"*. L-appellanti pprezentat kopja ta' dak il-kuntratt u fih jinghad li kellha tithallas Lm5,000: *'..to supervise the finishing of the said apartments numbered 7 in Block C and Apartment 3 in block D….. to be paid within 2 years from today'* (fol. 23). Il-hlas kellu jsir fi zmien sentejn mit-3 ta' Novembru 2004. Il-qorti taraha ferm stramba kif il-hlas sar fl-4 ta' Novembru 2004 meta fil-kuntratt jinghad li kellu jsir fi zmien sentejn. L-appellata ma spjegatx x'wassal sabiex hallsu sentejn qabel.

2. Fir-rigward tad-dokument a fol. 14, hemm dokument li fil-parti ta' fuq huma identici[1] (REF7 a fol. 52) fejn jinghad: ***"Also paid five thousand liri (Lm5000) cash today 4/11/04)"*** u hdejha l-firma ta' Alfred Falzon, li kien ir-ragel tal-appellata pero miet fis-7.10.2008)[2]. Dokument li kien fil-pussess ta' Ferdinand Grech. Dokument li jqieghed dubju kemm verament fit-3 ta' Novembru 2004 il-konjugi Falzon hallsu s-somma ta' Lm5,000 lil Ferdinand Grech.

3. Fil-5 ta' Marzu 2007 l-appellata u zewgha baghatu ittra lil Ferdinad Grech (Dok. M16, fol. 25) li maghha kien hemm mehmuz tliet rendikonti li ghamlu l-konjugi Falzon[3]. L-ewwel zewg rendikonti jirreferu ghall-hlas li Falzon qalu li kien dovut mill-appellanti. It-tielet rendikont jirreferi ghall-hlas li Falzon kienu qeghdin isostnu li kien dovut lill-appellanti. Fir-rendikont li jitratta l-hlas dovut lill-appellanti, l-ewwel item hi s-somma ta' Lm5,000: ***"as per contract re Flat***

---

[1] Dik il-parti li hi stampata.

[2] Il-qorti nkarigat espert kalligrafu u kkonkluda li dik il-firma hi ta' Alfred Falzon. L-istess qalu l-periti addizzjonali.

[3] Fl-ittra jinghad: *"Enclosed you will find statements outlying amounts due between us with respect to Apartments nos. 5 & 7, Ambjent Complex and respective Garages. Kindly indicate which amounts are due for payment to us by yourself. Moreover, you will also find enclosed statement outlying amount due for payment by ourselves to yourself duly confirmed by ourselves. Our intentions are to settle these dues by us immediately"*.

***7"*** (fol. 31)[4]. Mela hu evidenti li f'dak l-istadju l-appellata kienet taf li s-somma ta' Lm5,000 kienet ghadha ma thallsitx. Fil-kuntratt ta' appalt, fejn l-oggett kien l-appartament numru 7 u 3 fi Blokk D, l-unici ammonti li jissemmew huma Lm62,500 ghax-xoghol li kellha taghmel l-appellanti u li fil-kuntratt jinghad li thallset, u tissemma wkoll is-somma ta' Lm5,000 ghas-supervizjoni. L-appellata ma spjegatx x'wassalha biex tiddipartixxi minn dak li ddikjarat fir-rendikont mehmuz mal-ittra tal-5 ta' Marzu 2007 u tghid li s-somma ta' Lm5,000 kien il-hlas li jissemma fil-kuntratt ta' appalt tat-3 ta' Novembru 2004.

4. Din il-qorti ma tarax li jaghmel sens li fl-4 ta' Novembru 2004 l-appellanti tircievi s-somma ta' Lm5,000 minghand il-konjugi Falzon meta fid-dokument datat 2 ta' Novembru 2004 kienu saru konteggi fejn gie ddikjarat li Falzon kellhom jircievu s-somma ta' Lm13,127.50. Ir-raguni tghidlek li gialadarba f'dak l-istadju Falzon kienu l-kredituri u m'hemmx prova li kienu dovuti xi flus lill-appellanti, Falzon ma kienux ser ihallsu s-somma ta' Lm5,000.

5. L-ewwel qorti qalet: *"Ferdinand Grech fl-affidavit tieghu jghid ukoll li l-ammont imsemmi fil-prospett MI 1 a fol. 2 fl-ammont ta' €11,646.87 ghadu dovut sa llum u allura l-Qorti tistaqsi jekk huwa qed jippretendi li din is-somma ghadha dovuta, ghaliex ma talabx ghal din is-somma ferm akbar ?"*. It-twegiba hi fir-rendikont li pprezenta mar-rikors promotur (fol. 2), fejn hemm l-appellanti naqqset l-ammont ta' €7,688 li accettat li kellha thallas lill-appellata.

L-appellata kellha oneru li tipprova li Lm5,000 li tissemma fid-dokument Z (fol. 14) kien il-hlas pattwit fil-kuntratt ta' appalt tat-3 ta' Novembru 2004 (fol. 23). Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq il-verzjoni tal-appellata m'hijiex kredibbli u din il-qorti m'ghandhiex dubju li ma qalitx il-verita. Fic-cirkostanzi l-aggravju tal-appellanti hu gustifikat.

Fir-rigward tal-pagamenti l-ohra li s-socjeta appellanti tippretendi minghand Falzon (fol. 2), fl-affidavit Ferdinand Grech ta spjegazzjoni dwarhom. L-appellata ma xeheditx dwarhom, izda d-difensur li assistiha pprezenta[5] notamenti li jidhru li huma l-kummenti tal-appellata. F'kull kaz l-appellata m'hijiex kredibbli meta tqies li ma qalitx il-verita' dwar is-somma ta' Lm5,000. Dan apparti li per ezempju fir-rigward 'ghaxar (10) globi tal-gallarijiet" fin-notament jinghad li l-appellata qatt ma ordnat lil Ferdinand Grech sabiex jixtrihom u jwahhalhom. Madankollu fir-rendikont li ntbaghat minnha stess dawn l-oggetti jissemmew bhala hlas dovut lill-appellanti (fol. 31). F'dawn id-dokumenti jissemmew ukoll cifri li l-appellata tippretendi li huma dovuti

[4] Hekk jinghad fid-dokument.
[5] Fol. 48.

mill-appellanti[6]. Min-naha tieghu Ferdinand Grech cahad il-pretensjonijiet tal-appellata[7]. Dwar dan il-qorti tosserva li:-

(a) L-appellata ma pproponietx rikonvenzjoni. Qieghed jinghad hekk ghaliex hu evidenti li l-appellata tippretendi li hi kreditrici f'ammont iktar mill-hlas li tippretendi l-appellanti.

(b) M'hemmx bazi biex il-qorti tista' tikkonkludi li hemm lok ta' tpacija. L-Artikolu 1198 tal-Kodici Civili jipprovdi li:-

*"(1) It-tpacija ssir biss bejn zewg idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus jew kwantita determinata ta' hwejjeg fungibbili tal-istess speci, u li jkunu tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.*
*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu cert ukoll f'dik li hija kwantita"*.

Dwar l-ammonti pretizi mill-appellata, hlief ghal dawk li l-appellanti accettat u jissemmew fir-rendikont MI 1 (fol. 2), m'hemm xejn cert.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-appell billi tilqa' l-aggravju tal-appellanti u tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti tas-6 ta' Gunju 2012 fis-sens li tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-appellata u tilqa' t-talba fis-sens li tikkundanna lill-appellata thallas lill-kumpannija appellanti s-somma ta' sebat elef tmien mija u tlieta u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€7,863.96), bl-imghax mit-13 ta' Jannar 2009[8].**

**Spejjez a karigu tal-appellata, inkluzi dawk relatati mas-sentenza tal-ewwel qorti.**

Anthony Ellul.

---

[6] Fir-rigward tal-appartament numru 5 u garaxxijiet 33 u 34 l-appellata tippretendi li hi kreditrici ghas-somma ta' €11,952 (fol. 53) mentri f'dokument iehor bhalu tissemma c-cifra ta' €12,289.79 (fol. 67). Fir-rigward tal-appartament numru 7 u garaxxijiet 27, 28 u 35 l-appellata tippretendi li hi kreditrici fl-ammont ta' €4,793.83.

[7] *"Illi b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni tal-intimata nikkonferma bil-gurament tieghi, li salv l-imsemmija somma ta' €7,668.30, la s-socjeta rikorrenti, u lanqas xi kumpannija ohra li taghha jien direttur, m'ghandha taghti xi ammonti lill-intimata, u ghalhekk tali allegazzjonijiet qeghdin jigu respinti bil-qawwa"* (fol. 22).

[8] Data tan-notifika tar-rikors peress li l-appellanti ma pprezentatx kopja tal-ittra ufficjali (inkluz ir-riferta) li tissemma fir-rikors.